MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 81/8

It-Tnejn 3 ta' Ottubru 2022

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa ta ` filghaxija (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat - Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: MS Vella; Viċi-Sindku: JM Calleja; Kunsilliera: S. Caruana, A. Amri Brincat u M. Micallef

## AĠENDA

081.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

081.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

081.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

081.4 Post Mortem: Jum il-Gudja 2022;

081.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

081.6 Rapporti;

081.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
  a. Triq iż-Żebbuġa – progress
  b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
  c. Ġnien Raymond Caruana – progress
  d. Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh - progress

081.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

081.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u kwart ta` filghaxija (5:15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 081.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurmat lil s-Sinjorina M Micallef mhux ser tattendi minhabba ragunijiet personali. Dawk prezenti approvaw din it-talba.

### 081.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 78/8 nem con.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-ahhar laqgha tal-Kunsill fejn il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni tal-Lokalitajiet Sostennibli, fejn is-Sindku pprezentat fuq il-mejda ittra li kienet intbghatet mill-perit tal-Kunsill dwar il-pjancir tal-Kazin La Stella fejn il-perit kitbet li skond l-informazzjoni li gabet m`ghand l-istess ghaqda qallu li pjancir huwa adjustable. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier S Caruana sabiex jirtira l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront taghha, fejn giet

is-Sindku mghajjra li qed tigdeb. Il-Kunsillier S Caruana skuza ruhu ghall-agir tieghu fil-konfront tas-Sindku.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

Il-Kunsilliera A Amri Brincat staqsiet dwar id-dekasteru taghha, fejn is-Sindku qalet li kienet ser tbiddel xi dekasteri u ser tinforma lil dawk prezenti bid-dekasteri l-godda. Is-Sindku talbet sabiex id-dekasteri li kienu taht ir-responsabilta tal-Onor. MA Sammut jghaddu lill-kunsilliera A Amri Brincat sal-laqgha li jmiss.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Onor. Zrinzo Azzopardi talab laqgha mall-Kunsill sabiex jigi diskuss il-progett ta` Gnien R.Caruana u l-binja tal-Kunsill. Is-Sindku ziedet tghid li ser izomm infurmat lill-Kunsill b`kull zvilupp li ser ikun hemm wara din il-laqgha.

Is-Sindku prezentat ir-rapport tal-Contracts Manager ghal attenzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-bank li ghad fadal isir fil-maqrut ta` Triq il-Palazz.

Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir bieb fid-dahla tal-pitch tal-Gnien Glormu Cassar.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li s-sala tal-iskola ta` St. Joan Antide mhux disponibbli sabiex il-Kunsill jorganizza fitness classes.

Giet diskussa l-problema ta` dawl fl-area ta` fejn l-airport fejn iz-zona hija mitfija u hemm bzonn li jsir xi haga.

**081.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

081.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Skema SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta` Progetti Kapitali – Komunitajiet isbah u aktar b`sahhithom, fejn wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li japplika ghal pavimentar fi Triq San Mark biex jitkompla mall-progett tal-pjazza, li l-Kunsill diga` applika ghall-fondi ohra u biex isir pavimentar mat-toroq tal-madwar il-Kappella tal-Lunzjata.

081.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill irceiva minghadn ir-Regjun Nofsinhar, fejn il-Kunsill qabel li japplika sabiex jarma toroq bi tizjin tal-Milied fiz-zona tal-HE.

Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir tabelli fi Sqaq il-Fidwa u Wesgha Anglu Dalli bhal ma saru fi sqaqien ohra biex ma jithallewx vetturi pparkjati.

081.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li waqt laqgha kordjali li kellha mall-Baruni tal-Palazz ta` Bettina fejn il-Baruni laqa` talba sabiex isir open day ghar-residenti tal-Gudja biex iziru l-Palazz. L-open day ser isir il-Hadd fl-20 ta` Novembru.

081.3.4 Saret referenza ghac-Charging Pillar li kienet giet propunuta biex isir Triq Bir Miftuh. Is-Sindku proponiet sabiex issa charging pillar isir fejn Qalb ta` Gesu minflok l-parkegg ta` Go To Car.

081.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-applikazzjoni ghal Espressjoni ta` Interess ghall-Finanzjament tal-Milied giet mibughta u li l-Kunsill ser jistenna rizultat.

081.3.6 Giet prezentata korrispondenza li rcivejna mill-PA dwar PA/02831/12. Is-Sindku talbet sabiex din tintbghat lill-Perit tal-Kunsill.

081.3.7 Is-Sindku talbet sabiex jingiebu l-kwotazzjoni biex tinbidel l-antiporta tal-injam tal-binja tal-Kunsill.

081.3.8 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien applika ghall-fondi tal-Skema tal-Lokalitajiet Sostenibbli.

081.3.9 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill rcieva minghand il-klabb Gudja United dwar harga li ser jaghmlu ghall-Ghawdex, fejn dan l-istess klabb talab sabiex il-Kunsill jghin finanzjament lil dan l-istess klabb. Il-Kunsill approva din it-talba u talab sabiex ikun jaf fejn ser jintuza dan il-finanzjament.

081.3.10 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-eco wardens kienu marru fi Triq il-Lewz u gew mharrka tlieta minn nies jidisponu mill-skart domestiku mhux fil-hinijiet tal-gbir tal-iskart.

081.3.11 **Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kienu wehhlu it-tlett bollards tal-plastik fi Triq Bir Miftuh kantuniera ma` Triq De Warsbergh.**

081.3.12 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand il-Klabb tal-Gudja United dwar incident ta` serqa li sar fil-kazin taghhom. Il-klabb qed jitlob l-ghajnuna finanzjarja mill-Kunsill biex ikunu jisghtu jinstallaw cctv cameras u alarm godda u xi danni ohra li kisbu.

081.3.13 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ibbukja u hallas tal-spejjez tal-wardens ghal matul is-Sibt filghaxija ghaz-zewg festi li jigu ccelebrati f`Ottubru.

081.3.14 Giet prezentata korrispondenza Cirk/AKL/2022/094 – Laqgha tas-Sindku u Vici Sindki li ser isir fil-5 ta` Novembru 2022.

Il-Kunsillier S Carauna rraporta li wahda mill-floodlight ta` fuq iz-zuntier ma kinitx qed tixghel.

081.3.15 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-plastic machine kienet giet installata fiz-zona ta` Xlejli.

081.3.16 Gie prezentat Memorandum ta` Ftehim dwar iz-zamma tal-haxix selavagg fil-passaggi.

Il-Kunsilliera A Amri Brincat ghamlet referenza ghall-installazzjoni ta` mera li trid isir fi Triq Victor Pasmore.

081.3.17 Prezentata korrispondenza dwar Scooter racks fil-lokalita, fejn il-Kunsill talab sabiex tingieb il-kwotazzjoni.

081.3.18 Prezentata ittra li ntbghatet minghand l-avukat ta` residenta fi Triq San Mark dwar talba biex isir tabella biex vetturi u muturi jigu pparkjati fil-garaxxjiet bl-exhaust pipe il-gewwa.

081.3.19 Is-Sindku prezentat korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand is-Sur Calleja dwar il-monument li kien prepara ghall-Kunsill. Wara diskussjoni l-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-monument isir fi Triq Bir Miftuh (quddiem Gnien il-Kmand). Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jinforma lill-perit biex isiru disinni neccessarji ta` dik iz-zona u ninfurmaw lis-Sur Calleja b`dak li decieda l-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

081.3.20 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet minghand Battlefront Living History Group Malta, fejn talbu no objection tal-Kunsill biex jorganizzaw attivita fil-Gudja nhar it-23 ta` Ottubru 2022

081.3.21 Giet prezentata korrispondenza dwar talba biex isir ikla tal-festa quddiem il-kazin tac-Cintura mill-istess kazin fit-8 ta` Ottubru 2022. Dwar dan il-Kunsill ma kellu l-ebda ogezzjoni.

081.3.22 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-Ghaqda Muzikali Marija Assunta dwar l-attivita li kienu ser jorganizzaw ghall-ftuh tal-monument li kienu ser jaghmlu f`gheluq il-mitt sena tal-kamra tan-nar. Din l-attivita ser isir fis-16 ta` Ottubru 2022.

081.3.23 Giet prezentata kwotazzjoni ghall-xiri ta` ornamental lamps. Il-prezz ta` kull fanal huwa ta` 1,200Euro fejn il-Kunsill approva li jinxtraw erbgha godda sabiex dawn jehlu fil-bidu ta` Triq Santa Katerina kanutniera ma` Triq R.Caruana, fi Sqaq Nru 2, u fi Triq id-Dejqa.

081.3.24 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien bghat ittra lill-Onorevoli Clayton Bartolo dwar is-sitwazzjoni tal-dawl u l-ilma tal-Gnien Glormu Cassar.

081.3.25 Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet ta` pavimentar li qed isir fl-area ta` Loretu, fejn infurmat lil dawk prezenti li xoghol kien kwazi lest u li mistenni jkun lest fil-gimghat li gejjin.

081.3.26 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-inizjattiva minn Ambjent Malta u l-Kunsill Regjonali Nofsinhar dwar it-tindif tal-gibjun. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill ghamel it-talba lill-Public Works ghal din l-ghajnuna biex jitnaddaf il-gibjun ta` Gnien R.Caruana. Il-Kunsill qed jiddiskuti wkoll ma` Ambjent Malta biex jghin f`dan ix-xoghol mehtieg. Is-Sindku talbet sabiex jingiebu kwotazzjonijiet ghal dan is-servizz.

081.3.27 Is-Sindku prezentat l-ispejjez li saru ghall-konferenza li saret gewwa Malta mill-Kunsill Lokali tal-Gudja f`Mejju li ghadda tal-progett Europe for Citizens – YoUnited Project. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill kien ircieva somma ta` 25,000Euro.

081.3.28 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-ghalqa abbandunata fi Triq il-Lewz, fejn il-Kunsill bghat ittra lill-propretarju tal-ghalqa sabiex jnaddaf u jtella` cint kif titlob il-ligi. Il-Kunsill qabel li jekk dan ma jsirx mis-sid, il-Kunsill jtella dan il-hajt u jfittex lis-sid ghall-ispejjez.

**081.4 Post Mortem: Jum il-Gudja 2022;**

Is-Sindku prezentat lista tal-ispejjez li saru ghall-attivitajiet ta` Jum il-Gudja 2022. L-ammont tan-nefqa kien jammonta ghall-€4,611.01. Dawk prezenti approvaw li dawn l-ispejjez jithallsu. Is-Sindku rrimarkat xi punti dwar l-attivitajiet li saru ghal din is-sena, fejn proponiet li l-banda m`ghandhiex tibda qabel ma titlesta l-quddiesa u li jinbidel il-backdrop ta` wara tal-palk. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill premja iktar minn nominazzjoni wadhad ghax kien hemm zmien li ma nghatawx premijiet u rikonoxximenti. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jahtar bord u jintlaghqu nominazzjonijiet. Dawn ghandu jsir billi tohrog sejha minn sitt xhur qabel. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-banda u tqeghid tal-fjuri jsiru f`gurnata ohra. Dwar dan diskuss kien approvat minn dak prezenti.

**081.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

081.5.1 Il-Kunsilliera A Amri Brincat talbet sabiex isir ghatba quddiem residenza fi Triq id-Dejqa. Is-Sinjura Amri Brincat qalet li ser tibghat id-dettalji tal-persuna.

081.5.2 Il-Vici Sindku JM Calleja qal li fi triq li saret gdida (li tkompli ma` Triq B`Bugia) qed izomm mghaqqad tal-ilma. Din it-triq saret minn JM.

081.5.3 Il-Vici Sindku talab sabiex jitnehha double yellow line ta` Triq il-Hofra (li hemm man-naha tal-ghalqa)

081.5.4 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex titranga tabella tal-one way fi Triq id-Dejqa.

081.5.5 Il-Vici Sindku talab sabiex jinqghalu sigar ta` yucca u oleander ta` fejn il-hwienet fil-HE tal-Mithna.

081.5.6 Il-Vici Sindku JM Calleja talab sabiex il-Kunsill japplika biex isiru crash barriers mall-genb tal-Palazz.

081.5.7 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir zbir tas-sigar fejn in-nicca ta` Duluri.

**081.6 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

**081.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**

Gew diskussi x-xoghlijiet li qed isiru fil-hitan tas-sejjieh fejn il-Kunsill qabel li l-Kunsill japplika biex isiru l-hitan tas-sejjieh fil-pjazetta ta` quddiem il-Kappella ta` Loretu, fil-Belveder ta` fejn ta` Loretu u ta` Torba.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien ircieva ittra bl-avukat ghan-nom ta` sid ghalqa fi Triq Hal-Far sabiex l-Kunsill ma jintervjeniex biex jitwaqqa u jsir mill-gdid il-hajt tas-sejjieh tal-ghalqa tieghu, liema xoghlijiet ser isiru minn fondi taht l-Mizura 4.4

**081.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 41/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier S Caruana u ssekondata mill-Kunsilliera A Amri Brincat għall-ammont totali ta' €47,242.99 u ġiet approvata nem con.

Is-Sindku talbet sabiex il-laqgha ssir fi stadju ta` kumitat.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li ntbghatet mill-Ghaqda Maria Assunta sabiex isir arblu permanenti fic-central strip ta` Triq Bir Miftuh. Is-Sindku talbet sabiex din it-talba tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill meta jkunu prezenti l-kunsillier kollha tal-Kunsill sabiex kulhadd jaghti l-opinjoni tieghi.

**081.9** Tmiem tal-Laqgha

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8:15pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tnejn 7 ta` Novembru 2022 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 6 ta' Diċembru 2022

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv